MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 190/2008

Kawza fil-lista: 36

**A BC**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenuta D E izzewgu nhar l-ewwel ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (01.02.1997), fir-Registru taz-Zwieg, Valletta, hekk kif evidenzjat mic-Certifikat taz-Zwieg enumerat (92/97), hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi l-konvenuta hija affetta b' mard serju, fosthom bl-epilepsija, kif se jigi ppruvat ahjar mill-provi prodotti, u hija qatt ma qalet b' dan lir-rikorrenti, allavolja kienet taf bil-kundizzjoni taghha sa qabel ma zzewwgu. Fil-fatt ir-rikorrenti sar jaf b' dawn il-problemi biss waqt iz-zwieg;

3. Illi kieku r-rikorrenti kien sar jaf b' dan il-mard, li tbati minnu l-konvenuta qabel ma zzewgu, huwa qatt ma kien jasal li jizzewwigha;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi, b' mod partikulari a tenur tas-sub-inciz (c) tas-sub artikolu wiehed (1) ta' l-Artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap 255 tBLigijiet ta' Malta), kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tBkawza;

5. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tBkawza, inkluz kopja tad-digriet ta' divorzju, moghti mis-Shar'Ia Court tBJordan ;

Semghet il-provi bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili tieghu mBkonvenuta kuntrattat fl-1 ta' Frar 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tBparagrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tBKap.255 tBLigijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jidddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet, u sodisfacentement provat, li dawn izzewwgu bir-rit civili fl-1 ta' Frar 1997 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta, armla b' zewgt-it tfal, kellha 32, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin disa' xhur. Wara tlett xhur li bdew johrogu flimkien, huma zzewwgu bir-rit muzulman, u sitt xhur wara, izzewwgu bic-civil.

Wara z-zwieg l-attur skopra li l-konvenuta, allura martu, kienet tbati minn marda ta' l-epilepsija, u li ta' spiss hafna kienu jaghtuha l-attakki taghha. Dan kien ta' tfixkil serju ghall-partijiet fiz-zwieg, u eventwalment il-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli.

Minn naha taghha l-konventa qalet li hi ma kienitx taf li lil zewgha kellha tinformah dwar din il-kondizzjoni taghha, qabel iz-zwieg, u tikkonferma li "beda jinqala' hafna glied ghax dejjem kont nintilef minn sensija... ta' spiss.... kwazi kuljum"1 Tammetti li lill-attur kienet tfixklu, "ghax [minhabba f' hekk] konna niggieldu."2

**Konsiderazzjonijiet tBQorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat, stante li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenuta kellha kwalita' inerenti fiha li mix-xorta taghha kienet ta' tfixkil serju fil-hajja mizzewwg bejn il-partijiet ; u li sad-data taz-zwieg, il-konvenuta kien zammet din il-kondizzjoni taghha mistura mill-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tBfehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][c] tBKap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1

[1] Fol.35
[2] Ibid.

ta’ Frar 1997. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tBkonvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------